VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,922, 29 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 187 tal-2012

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)
Regolamenti tal-2012 dwar Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Stati Membri tal-UE)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 628A tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Stati Membri tal-UE).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea;

"membru" għandha tinkludi prosekuturi u uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;

"membru sekondat" tfisser membru ta' tim ta' investigazzjoni konġunta minn Stati Membri li ma jkunux l-Istat Membru li fih jaġixxi t-tim;

"l-Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea kif imfissra fit-Trattat;

"it-Trattat" għandu jkollha t-tifsira mogħtija fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Kap. 460.

Twaqqif ta' timijiet ta' investigazzjoni konġunta.

3. (1) Minkejja kull ħaġa oħra li tinsab f'kull liġi oħra l-Avukat Ġenerali jkollu s-setgħa li jistabbilixxi tim ta' investigazzjoni konġunta biex iwettaq investigazzjoni f'reati kriminali f'xi Stat Membru wieħed jew aktar, billi jistabbilixxi t-tim skont it-termini tal-Konvenzjoni.

(2) It-tim ta' investigazzjoni konġunta, li l-għamla tiegħu għandha tkun imfissra fil-ftehim li bih jiġi stabbilit, għandu jitwaqqaf għal għan speċifiku u għal perjodu limitat, li jista' jittawwal bi ftehim reċiproku, biex iwettaq investigazzjonijiet kriminali fi Stat Membru wieħed jew aktar li jistabbilixxu t-tim.

(3) Membri sekondati tat-tim ta' investigazzjoni konġunta jkollhom id-dritt li jkunu preżenti meta jittieħdu miżuri investigattivi fl-Istat Membru tal-operazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Membri sekondati tat-tim ta' investigazzjoni konġunta jistgħu, skont il-liġi tal-Istat Membru li minnu t-tim jopera, jingħatalhom il-kompitu, mill-kap tat-tim, li jieħdu ċerti miżuri investigattivi meta dan ikun ġir approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-operazzjoni u tal-Istat Membru li jissekonda.

(5) Meta tim ta' investigazzjoni konġunta jeħtieġ li jittieħdu miżuri investigattivi fi Stat Membru li jkun stabbilixxa t-tim, il-membri senkondati mat-tim minn dak l-Istat Membru jistgħu jitolbu l-awtoritajiet kompetenti tagħhom stess biex jieħdu dawk il-miżuri, u dawk il-miżuri għandhom jiġi kkunsidrati, f'dak l-Istat Membru, skont il-kondizzjonijiet li kienu japplikaw li kieku dawk il-miżuri kienu ġew mitluba li jitteħdu f'investigazzjoni nazzjonali.

(6) Meta t-tim ta' investigazzjoni konġunta jkun jeħtieġ għajnuna minn Stat Membru li ma jkunx wieħed mill-Istati Membri li stabbilixxew it-tim, jew minn Stat terz, it-talba għall-għajnuna tista' ssir mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-operazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat l-ieħor interessat skont l-istrumenti u l-arranġamenti relevanti.

(7) Membru ta' tim ta' investigazzjoni konġunta jista', skont il-liġi nazzjonali tiegħu u fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, jagħti lit-tim informazzjoni li tkun disponibbli fl-Istat Membru li ssekondah għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali mwettqa mit-tim.

(8) Informazzjoni miksuba legalment minn membru jew minn membru sekondat waqt li jkun jifforma parti minn tim ta' investigazzjoni konġunta, liema informazzjoni ma tkunx mod ieħor disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri interessati tista' tintuża għall-għanijiet li ġejjin:

(a) għall-għanijiet li għalihom ġie stabbilit it-tim;

(b) mingħajr ħsara għall-kunsens minn qabel tal-Istat Membru fejn l-informazzjoni saret disponibbli, għall-kxif, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati oħra kriminali;

(ċ) biex tipprevjeni theddida immedjata u serja kontra s-sigurtà pubblika u, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b), jekk tinfetaħ investigazzjoni kriminali sussegwetement;

(d) għal għanijiet oħra sal-limitu li dan ikun ġie miftiehem bejn l-Istati Membri li stabbilixxew it-tim.